



Brussell, 19 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5428/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0463(COD)

AG 6
JAI 60
FREMP 17
DISINFO 5
HYBRID 3
MI 43
DATAPROTECT 19
AUDIO 6
CONSOM 17
TELECOM 11
CODEC 82
IA 14

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pakkett leġiżlattiv dwar id-"Difiża tad-Demokrazija Ewropea" - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat il-"pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija". Dan jikkonsisti minn:
- i. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija¹.
 - ii. Proposta għal Direttiva ġdida dwar it-Trasparenza tar-Rappreżentanza tal-Interessi għal pajjiżi terzi² (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva proposta").
 - iii. Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 1024/2012 u (UE) 2018/1724³ li takkumpanja d-Direttiva proposta.
 - iv. Valutazzjoni tal-impatt⁴ li takkumpanja ż-żewġ proposti leġiżlattivi fil-punti (ii) u (iii).

¹ Dokument 16935/23 + ADD 1.

² Dokument 16889/23 + ADD 1 + ADD 2.

³ Dokument 17076/23.

- v. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tiżni tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.
 - vi. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-involvement u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika.
2. Il-Kummissjoni ppreżentat l-elementi ewlenin tal-pakkett, inkluż id-Direttiva proposta u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) fid-9 ta' Jannar 2024 u ż-żewġ rakkomandazzjonijiet fil-laqgħa tal-GAG fil-11 ta' Jannar.
 3. Fil-laqgħa tal-GAG tat-23 ta' Jannar, ser issir diskussjoni preliminari dwar id-Direttiva proposta f'format ta' "Mistoqsijiet u Tweġibiet" fejn id-delegazzjonijiet ser ikollhom l-opportunità li jsaqsu mistoqsijiet lill-Kummissjoni u jiksbu kjarifiki mingħandha.
 4. Biex jiggrawda l-eżami tal-pakkett u, b'mod partikolari, l-eżami dettaljat tad-Direttiva proposta, ser isir dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tad-29 ta' Jannar. Biex tiggwida d-dibattitu ta' orjentazzjoni, il-Presidenza ħejjiet dokument informali, inkluż mistoqsijiet.
 5. Il-Komitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument informali msemmi hawn fuq u l-mistoqsijiet li jinsabu fih, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota u jippreżentahom lill-Kunsill.

⁴ Dokument 16889/23 + ADD 3 + ADD 4; 17076/23 ADD 1 + ADD 2.

DOKUMENT INFORMALI TAL-PRESIDENZA**I. INTRODUZZJONI**

Il-komunikazzjoni ġenerali dwar il-pakkett tad-Difiża tad-Demokrazija għandha għan doppju: minn naħa waħda li tintroduċi l-proposti leġiżlattivi u ż-żewġ rakkomandazzjonijiet, u min-naħa l-oħra li tirrieżamina l-progress li sar mill-2020 'l hawn dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea.

Fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea⁵, il-Komunikazzjoni tħares lejn it-tliet pilastri tal-pjan ta' azzjoni: 1) il-protezzjoni tal-integrità elettorali u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni demokratika, 2) it-tisħiħ tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, u 3) il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin; u telenka l-kisbiet taħt kull waħda minn dawn it-temi.

Barra minn hekk, il-komunikazzjoni tħares lejn l-isforzi reċenti lejn ir-reżiljenza demokratika Ewropea, billi trawwem involviment u parteċipazzjoni ċivika inklużivi, u tidentifika l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE disponibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom u biex jimplimentaw proġetti li jgħinu biex jitrawmu l-valuri tal-UE.

⁵ Dokument 13678/20.

II. PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA DWAR IT-TRASPARENZA TAR-RAPPREŻENTANZA TA' INTERESSI F'ISEM PAJJIŻI TERZI

Id-Direttiva proposta li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza ta' interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 ("id-Direttiva proposta") għandha żewġ objettivi ġenerali: minn naħa waħda li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq tal-UE għal attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi f'isem pajjiżi terzi u fl-istess ħin li jingħata kontribut għat-trasparenza u l-integrità tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri rigward l-influwenza ta' pajjiżi terzi u għall-fiduċja pubblika fl-istess proċessi. Dawn għandhom jinkisbu rispettivament billi jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntieri ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi meta jsiru b'mod trasparenti, u billi jittejjeb l-għarfien dwar id-dimensjoni, ix-xejriet u l-atturi tar-rappreżentanza ta' interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi.

Id-Direttiva proposta tkun tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu reġistri nazzjonali bl-għan li jiżguraw it-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi mwettqa mill-entitajiet ta' pajjiżi terzi, kif ukoll jaħtru awtoritajiet responsabbli għal dawn ir-reġistri. Barra minn hekk, id-Direttiva proposta tkun teħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet superviżorji indipendenti li jkollhom ir-responsabbiltà li jissorveljaw il-konformità u l-infurzar tal-obbligi stipulati fid-Direttiva proposta, kif ukoll li jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji fi Stati Membri oħra, fejn awtorizzati li jagħmlu dan skont id-Direttiva proposta.

Id-Direttiva proposta tkun applikabbli għal entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi bħala servizz jew attivitajiet simili u timponi obbligi ta' żamma ta' rekords u reġistrazzjoni f'reġistri nazzjonali kif ukoll ta' divulgazzjoni ta' reġistrazzjoni meta jiġu avviċinati uffiċjali pubbliċi. B'mod aktar konkret, id-Direttiva għandha l-għan li tkopri attivitajiet imwettqa bl-għan li jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-politika jew tal-leġiżlazzjoni, jew il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi tal-UE. Fost l-oħrajn, l-attivitajiet anċillari, il-pariri legali professjonali, ir-relazzjonijiet diplomatiċi, u l-kontribuzzjonijiet għall-finanzjament ewlieni huma esklużi fil-prinċipju, meta ma jkunux relatati ma' attività ta' rappreżentanza tal-interessi. Id-Direttiva proposta tiddefinixxi l-kunċett ta' "pajjiż terz" bħala awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha barra ż-Żona Ekonomika Ewropea kif ukoll l-entitajiet kollha li l-azzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu attribwiti lil tali awtorità pubblika.

Id-Direttiva proposta teħtieġ armonizzazzjoni sħiħa, li jfisser li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jżommu jew jintroduċu rekwiżiti ta' trasparenza aktar jew inqas stretti għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, u lanqas sanzjonijiet (amministrattivi) differenti f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Id-Direttiva proposta tressaq sett standardizzat ta' data li għandha tinġabar kif ukoll rekwiżiti għal sett speċifiku ta' data li għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, individwalment jew fuq livell aggregat. Permezz ta' atti delegati, il-Kummissjoni tista' temenda d-data li għandha tinġabar, jew l-informazzjoni li għandha ssir pubblika f'livell aggregat.

Fl-aħħar nett, id-Direttiva proposta tistabbilixxi sistema ta' salvagwardji għall-entitajiet irreġistrati, inkluż l-istabbiliment ta' awtoritajiet superviżorji indipendenti, iżda wkoll sanzjonijiet armonizzati possibbli limitati għal sanzjonijiet amministrattivi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità. L-Awtoritajiet Superviżorji Indipendenti jkunu jistgħu jitolbu r-rekords miżmuma mill-entitajiet jew f'każijiet ta' suspett ta' nuqqas ta' konformità⁶ jew meta l-entitajiet ikollhom impatt potenzjalment sinifikanti fuq il-ħajja u d-dibattitu pubbliċi (bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju permezz ta' limiti finanzjarji). L-Awtoritajiet Superviżorji Indipendenti jkunu responsabbli wkoll għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni transfruntieri, u jkunu jistgħu jimponu sanzjonijiet amministrattivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

⁶ Id-Direttiva proposta temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 biex tiżgura li l-informaturi jkunu jistgħu jwissu lill-awtoritajiet superviżorji, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, dwar ksur attwali jew potenzjali tar-rekwiżiti tal-proposta.

III. MISTOQSIJET GĦALL-MINISTRI

1. X'inhuma l-fehmiet tagħkom dwar l-elementi ewlenin tad-Direttiva proposta, b'mod partikolari dwar il-kamp ta' applikazzjoni, f'termini ta' attivitajiet u entitajiet ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu koperti?
 2. X'impatti tipprevedu fuq ir-reġistri ta' trasparenza eżistenti fl-Istat Membru tagħkom jew fil-livell tal-Unjoni? B'mod partikolari, kif tqisu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva proposta li jipprojbixxu lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu rekwiżiti ta' trasparenza aktar jew inqas stretti għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva?
 3. Filwaqt li tqisu l-inizjattivi kollha mill-2020 'l hawn, u l-istat ta' implimentazzjoni tagħhom, hemm xi miżuri ulterjuri fil-livell tal-UE li kieku tikkunsidraw biex tipproteġu aħjar id-demokraziji tagħna, issa hawn r-reżiljenza tal-proċessi elettorali tagħna u trawmu l-parteċipazzjoni ta' ċittadini fit-tfassil tal-politika?
-